

**Suġġett**

Talba għal annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 10350, tat-22 ta' Diċembru 2009, dwar it-tnejhha ta' parti mill-għajnuna tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) mogħti skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2000) 2349, tat-8 ta' Awwissu 2000, li approvat il-programm operattiv POR Puglia, għall-perijodu 2000-2006, skont l-Objettiv Nru 1.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- (2) Ir-Regione Puglia għandha tħalli l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi dawk l-ispejjeż relatati mal-proċeduri għal mżuri provvistorji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 113, 01.05.2010.

**Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-14 ta' Settembru 2011 — Regione Puglia vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-223/10) <sup>(1)</sup>

**("FEŻR — Tnaqqis ta' għajnuna finanzjarja — Irtirar tan-nota ta' debitu kkontestata — Tmiem tas-suġġett tal-kawża — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")**

(2011/C 331/40)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Regione Puglia (Bari, l-Italja) (rappreżentanti: F. Brunelli u A. Aloia, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Prete u A. Steibltyé, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tan-Nota ta' debitu Nru 3241001630, tas-26 ta' Frar 2010, dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 10350, tat-22 ta' Diċembru 2009, dwar it-naqqis tal-għajnuna ekonomika mogħtija mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), bl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2000) 2349, tat-8 ta' Awwissu 2000, favur il-programm operattiv POR Puglia, għall-perijodu 2000 — 2006, abbażi tal-Objettiv Nru 1.

**Dispożittiv**

- (1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- (2) Kull parti għandha tħalli l-ispejjeż tagħha fir-rigward tal-kawża preżenti u Regione Puglia għandha tħalli l-ispejjeż marbuta mal-proċeduri għal mżuri provvistorji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 179, 03.07.2010.

**Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-14 ta' Settembru 2011 — L-Italja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-239/10) <sup>(1)</sup>

**("FEŻR — Tnaqqis ta' għajnuna finanzjarja — Irtirar tan-nota ta' debitu kkontestata — Tmiem tas-suġġett tal-kawża — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")**

(2011/C 331/41)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentant: P. Ġentili, avvocato dello Stato)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Prete u A. Steibltyé, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tan-nota ta' debitu Nru 3241001630, tas-26 ta' Frar 2010, relatata mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 10350, tat-22 ta' Diċembru 2009, li tnaqqas l-għajnuna tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) mogħtija b'eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2000) 2349, tat-8 ta' Awwissu 2000 li tapprova l-programm operattiv POR Puglia għall-perijodu 2000-2006, skont l-għan Nru 1.

**Dispożittiv**

(1) Ma għadix hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.

(2) Kull parti għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 195, 17.7.2010.

**Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-13 ta' Settembru 2011 — ara vs UASI — Allrounder (A)**

(Kawża T-397/10) <sup>(1)</sup>

**("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Nuqqas ta' osservanza tat-terminu għall-preżentata tal-motivi tar-rikors quddiem il-Bord tal-Appell — Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell li tiċċad it-talba għal restitutio in-integrum — Rikors manifestament infondat fid-dritt")**

(2011/C 331/42)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: ara AG (Langenfeld, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Gail, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Allrounder SARL (Sarrebourg, Franzja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta' Ġunju 2010 (Każ R 1543/2009-1), dwar talba għal restitutio in integrum imressqa mir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat fid-dritt.
- (2) ara AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 301, 06.11.2010.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2011 — Biodes vs UASI — Manasul Internasjonal (BIESUL)**

(Kawża T-597/10) (<sup>1</sup>)

*("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Revoka tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell — Tniem tas-suġġett tal-kawża — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")*

(2011/C 331/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Biodes, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentant: E. Manresa Medina, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: V. Melgar, aġġent)

Partijiet oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Manasul Internasjonal, SL

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta' Settembru 2010 (Każ R 1519/2009-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Manasul Internasjonal, SL u Biodes, SL.

**Dispożittiv**

- (1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.
- (2) L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 80, 12.03.2011.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2011 — Biodes vs UASI — Manasul Internasjonal (LINEASUL)**

(Kawża T-598/10) (<sup>1</sup>)

*("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Revoka tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell — Tniem tas-suġġett tal-kawża — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")*

(2011/C 331/44)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Biodes, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentant: E. Manresa Medina, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: V. Melgar, aġġent)

Partijiet oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Manasul Internasjonal, SL (Ponferrada, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta' Settembru 2010 (Każ R 1519/2009-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Manasul Internasjonal, SL u Biodes, SL.

**Dispożittiv**

- (1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.
- (2) L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 80, 12.03.2011.

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Ġunju 2011 — Ir-Repubblika tal-Bulgarija vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-335/11)

(2011/C 331/45)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

**Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Bulgarija (rappreżentanti: Tsvetko Ivanovu u Elina Petranova)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Talba għal annullament parżjali tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni, tal-15 ta' April 2011, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri taħt it-Taqsima tal-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG), taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) [notifikata bid-dokument numru C(2011) 2517]

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni, tal-15 ta' April 2011, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri taħt it-Taqsima tal-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG), taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) [notifikata bid-dokument numru C(2011) 2517 (<sup>1</sup>)] sa fejn din tikkonċerha lir-Repubblika tal-Bulgarija jew, sussidjarjament,